MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2014

Numru. 1072/2011

**SPETTUR NIKOLAI SANT**

**VS**

**ANTHONY JOSEPH PORTELLI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Anthony Joseph Portelli ta’ 39 sena, bin anthony u Josephine nee’ Calleja, mwieled Attar nhar il- 11 ta’ Dicembru 1973, residenti gewwa Liliana Appartments, Block A, Flat 11, Triq Guliu, San Pawl il- Bahar u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 82674M;

Talli nhar is- 7 ta’ Lulju 2011 ghall- habta tal- 4.30hrs gewwa San Giljan;

1) Minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta’ haddiehor f’ periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ Gianluca Lubrano skont kif iccertifika Dr M. Agius Md Reg No. 3125 tal- isptar Mater Dei;
2) Minghajr il- hsieb li joqtol jew li jgieghel il- hajja ta’ haddiehor f’ periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ Nikolai Lubrano skond kif iccertifika Dr A. Farrugia MD Reg No. 5231 l-isptar Mater Dei;
3) Ikkaguna hsara nvolontarja fuq nuccali tal- vista u gizirana tad- deheb ghad- detriment ta’ Gianluca Lubrano;
4) Hedded bil- kliem lil Gianluca Lubrano u Nikolai Lubrano;
5) Kiser il- bon ordni pubblika b’ ghajjat u glied;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi mil-provi prodotti, irrisulta konflitt fil-verzjonijiet moghtija mill-partijiet, liema konflitt nissel dubju f'mohh il-Qorti. Fis-7 ta' Lulju, 2011, gewwa Paceville, inqalghet glieda fejn sofrew griehi diversi persuni, fosthom Nikolai u Gianluca ahwa Lubrano. Huma attribwew dawn il-griehi li sofrew lill-imputat, li dak iz-zmien kien jahdem bhala 'security' f'wiehed mill-istabbilimenti tal-lokal. Mill-investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija, jidher li f'din il-glieda kien hemm ukoll involut persuna ohra, li dak iz-zmien kienet ukoll tahdem bhala 'security' izda li kellha proceduri pendenti kontra taghha u li mhux suppost kienet hemm dak iz-zmien u dak il-hin. L-imputat kien tressaq b'citazzjoni ftit gimghat wara l-incident, u b'hekk kienu nbdew dawn il-proceduri.

Huwa evidenti li dakinhar kien hemm incident, u li l-ahwa Lubrano sofrew griehi. Li ma hux car huwa ghal liema raguni ma ttellghux provi ulterjuri f'dan il-kaz, bhal per ezempju l-filmat tal-incident, u l-anqas ma gew prodotti xhieda ohra pajzana li kienu prezenti waqt il-glieda. Dan qed jinghad ghax l-allegati vittmi semmew diversi persuni li kienu presenti maghhom, izda dawn ma gewx prodotti bhala xhieda. L-anqas ma ntallbu jixhdu mill-parti leza. Jidher li dan l-argument fejn Lubrano sofrew xi griehi kien biss parti minn argument shih iehor, fejn kien gie aggredit certu Kurt Saliba minn xi 'securities' tal-post.

Wiehed mill-ahwa, Gianluca, qal li lil dan Saliba ma kienx jafu, izda mar jintervjena mas-'securities' ghax kienu aggressivi hafna ma' dan l-individwu. Fil-kontro-ezami tieghu, izda, gie stabbilit li fil-fatt kien jafu lil Saliba, tant li kien jaf il-laqam tieghu u kien jaf li kien jilghab waterpolo ma' Sliema. Dan id-dettall importanti ma harigx fl-ezami tax-xhud, ghax skond hu, ma riedx idahhlu f'din l-istorja u jtellghu jixhed il-Qorti. Dan ir-ragunament tax-xhud ihalli lill-Qorti fi ftit perplessita', u jnissel dubju dwar il-kredibilita' tal-istess xhud. Inoltre, kienet id-difiza li esebiet il-filmat tal-incident, meta suppost il-Prosekuzzjoni kellha taghmel dik it-tip ta' investigazzjoni u tipproduci dik il-prova, haga li, izda, ma saretx.

Ghalhekk il-Qorti sejra ssib lill-imputat hati biss tat-tieni imputazzjoni, gik ta' ferita hafifa fuq Nikolai Lubrano, meta tah daqqa ta' ponn f'wiccu quddiem ufficjla tal-Pulizija. L-imputazzjonijiet l-ohra ma jirrisultawx.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 216, 221(1), 328(d), 339(1)(e) u 338 (dd) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati tal- ewwel (1), it- tielet (3), ir- raba' (4) u l- hames (5) akkuzi u ghaldaqstant tillibeerah minnhom.

Issib lill- imputat hati tat- tieni (2) akkuza u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Art 22 tal- Kap 446 tal – Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------